IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2024
COM(2024) 262 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ir-Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ir-Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ir-Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali)[1] ġie addottat fl-2009. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-4 ta' Diċembru 2009 u beda japplika mill-4 ta' Marzu 2011.

Fl-2019, ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali ġie emendat bir-Regolament (UE) 2019/1009[2], li fl-Artikolu 5(2) introduċa l-bażi legali għad-determinazzjoni ta' punt aħħari fil-katina tal-manifattura ta' prodotti derivati għal fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija li ma jkunux għadhom ta' riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. Meta jiġi ddeterminat tali punt aħħari, dawk il-fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija jistgħu sussegwentement jitqiegħdu fis-suq mingħajr restrizzjonijiet skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali u ma jibqgħux soġġetti għal kontrolli uffiċjali skont dak ir-Regolament.

L-Artikolu 5(2) emendat tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali jipprevedi l-bażi ġuridika għad-determinazzjoni tal-punti aħħari għall-ikel għall-annimali domestiċi, il-prodotti tekniċi għal użi barra mill-katina tal-għalf u l-fertilizzanti organiċi u t-tejjieba tal-ħamrija. Dan jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati.

L-emenda tapplika mill-15 ta' Lulju 2019.

BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 51 a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa li tadotta atti delegati dwar il-kwistjonijiet elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-15 ta' Lulju 2019 u l-Kummissjoni meħtieġa tħejji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin.

L-Artikolu 51a(2) tar-Regolament (KE) 1069/2009 jistabbilixxi wkoll li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ir-Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1).

Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu, filwaqt li l-Artikolu 51a(3) jistipula li d-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Matul il-perjodu tar-rapportar, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha, billi adottat l-atti delegati li ġejjin:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1605 tat-22 ta' Mejju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura ta' ċerti fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija[3].

Dan ir-Regolament Delegat jistabbilixxi l-punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura għal fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija manifatturati fl-Unjoni, fejn ma jibqgħux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, dment li jintużaw bħala materjali komponenti fi prodotti fertilizzanti tal-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009. L-att delegat ġie adottat fit-22 ta' Mejju 2023 u trażmess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fin-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, ir-Regolament delegat ġie ppubblikat fit-8 ta' Awwissu 2023.

L-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 stabbilixxa obbligu għall-Kummissjoni f'ċerti ċirkostanzi biex tiddetermina punt ta' tmiem għal ċerti prodotti derivati skont l-Artikolu 5(2). Il-Kummissjoni ssodisfat l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament billi bagħtet mandat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Sussegwentement, l-EFSA ppubblikat l-Opinjoni Xjentifika "Inactivation of indicator microorganisms and biological hazards by standard and/or alternative processing methods in Category 2 and 3 animal by-products and derived products to be used as organic fertilisers and/or soil improvers"[4]. Skont dik l-Opinjoni Xjentifika ċerti prodotti derivati elenkati fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 biss huma eliġibbli biex jilħqu l-punt ta' tmiem jekk jintużaw bħala materjal komponent f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009.

Barra minn hekk, abbażi tas-setgħa prevista fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-Kummissjoni tista' tiddetermina wkoll punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura għal aktar prodotti derivati, jiġifieri dawk imsemmija fl-Artikoli 32, 35 u 36 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li ma jkunux għadhom joħolqu riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika jew tal-annimali.

3. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni wettqet kif xieraq att delegat obbligatorju abbażi tas-setgħa prevista fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali, jiġifieri r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1605. Il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li d-delega tas-setgħa prevista fl-Artikolu 51a(2) tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodu ta' ħames snin, kif

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1605 tat-22 ta' Mejju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura ta' ċerti fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija (ĠU L 198, 8.8.2023, p. 1).

[4] *EFSA Journal 2021;19(12):6932.*

previst f'dan l-Artikolu, għad-determinazzjoni tal-punti tat-tmiem għal aktar prodotti derivati skont valutazzjoni(jiet) favorevoli fil-futur tal-EFSA u għall-ħtieġa possibbli ta' emendi futuri għal dan ir-Regolament delegat. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.